**EZAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2000**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** | **MALTI (Qari)** | **Ħin: 15-il minuta**

Isem: ____________________________ Klassi: _________________

## A Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'ngħidulhom

kappell

flokk

qalziet

ballun




fjura

ċirku

żarbuna

(3 marki)

## B Immarka IVA jew LE fil-kaxxa

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| 1. L-għasafar jgħixu fil-baħar. | | |
| 2. Min jgħid il-verita` huwa bniedem onest. | | |
| 3. Iz-zija tiġi omm missieri. | | |
| 4. L-iljun huwa annimal mans u żgħir. | | |
| 5. L-isport huwa tajjeb għas-saħħa. | | |
| 6. In-nies sinjuri ma jkollhomx flus. | | |

(3 marki)

**Ċ Marija tħobb tikteb kull ħaġa li tagħmel fid-djarju tagħha. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri skond kif hemm bżonn kif juru l-istampi**




| A | | B | |
|---|---|---|---|
| 1. | Nhar il-Ħadd | | kantajt waħdi quddiem il-klassi. |
| 2. | Nhar it-Tnejn | | l-għalliema qratilna storja. |
| 3. | Nhar it-Tlieta | | mort ngħum il-pixxina ma' sħabi |
| 4. | Nhar l-Erbgħa | | ħammiġt kullimkien bil-kuluri. |
| 5. | Nhar il-Ħamis | | waqajt fil-bitħa. |
| 6. | Nhar il-Ġimgħa | | morna dawra bil-karrozza. |

(3 marki)

**D Ħożż sing taħt il-kelma li ma taqbilx**

1. dgħajsa, vapur, sapun, skuna, kajjikk.
2. kelb, iljun, tigra, ors, iljunfant.
3. brazzuletta, ġiżirana, misluta, ċurkett, ktieb.
4. karti, ħobż, ħelu, għaġin, laħam.
5. tazza, ħamrija, furketta, platt, sikkina.
6. blalen, pupi, roti, gomom, boċċi.

(3 marki)

**E Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha**

1. In-nassab ra (qatgħa, gaġġa, serbut, kaxxa) għasafar ittir.
2. Meta kont l-ajruport rajt ħafna (vapuri, ferroviji, ajruplani, annimali).
3. Toninu qata' (siequ, rasu, għonqu, nifsu) daqs kemm ġera.
4. Kulħadd (xorti, xortih, xotta, xini) fid-dinja !
5. Meta nqata' d-dawl waqgħet (dinja, dlam, dalma, dell) kbira.
6. Rita semgħet l-arloġġ (idoqq, jgħodd, juri, jikteb) it-tlieta.

(3 marki)

# EŻAMI ANNWALI
# TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI
# 2000

**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

---

IR-RABA' SENA MALTI (Kitba) Ħin: Siegħa

---



Isem ____________________________

Skola ____________________________

Klassi ____________________________

Total tal-Marki

# Storja

**Aqra sewwa l-istorja ta' hawn taħt u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

**In-numri fit-tarf tal-paragrafi jgħinuk biex issib it-tweġibiet.**



## Il-Farfett

Ramona xejn ma kienet tmur l-iskola bil-qalb. Filgħodu kienet tħobb tibqa' titgħażżen fis-sodda u ommha kienet trid tiekol ilsienha ssejħilha sa ma tqum tinħasel u tlesti għall-iskola. U mqar meta saflaħħar tqum kienet tibqa' titnikker u ħafna drabi tasal l-iskola tard. **(Paragrafu 1)**

Jum wieħed kienet sejra l-iskola b'geddum sa l-art. Għaddiet bħas-soltu minn mogħdija ċkejkna qalb ir-raba' biex tqassar it-triq. Hi u miexja rat farfett sabiħ jittajjar fuq il-fjuri sofor tal-lellux. "Ara, dal-farfett aħjar minni," qalet Ramona bejnha u bejn ruħha, "għax ħadd ma joqgħod jisfurzah biex imur l-iskola. Huwa jgħix fil-liberta' u jagħmel dak li jogħġbu. Nixtieqni kont farfett għax kieku ma mmurx skola!" **(Paragrafu 2)**

Imma <u>*ħin bla waqt*</u> ġie tifel jismu Kevin b'biċċa zokk f'idu u resaq lejn il-farfett. It-tifel ta' qalb ħażina xejjer daqqa ta' zokk lill-farfett u ħallieh mejjet fl-art. Imbagħad telaq ferħan qisu għamel xi bravura. **(Paragrafu 3)**

"Kos, ma tantx jaqbilli nkun farfett," qalet f'qalbha Ramona, "għax malajr insib lil min ineħħili ħajti! Aħjar tifla ta' l-iskola milli farfett jittajjar fuq il-fjuri!" U minn dakinhar bdiet tmur l-iskola bil-qalb. **(Paragrafu 4)**

## A. Issa wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Ramona kienet tqum kmieni jew tard? *(Paragrafu 1)*

2. Min kien iqajjimha filgħodu? *(Paragrafu 1)*

3. Minn fejn għaddiet biex tmur l-iskola? *(Paragrafu 2)*

4. Għaliex għaddiet minn hemm? *(Paragrafu 2)*

5. X'rat hi u miexja? *(Paragrafu 2)*

6. X'lewn huma l-fjuri tal-lellux? *(Paragrafu 2)*

7. Għaliex Ramona xtaqet li tkun farfett? *(Paragrafu 2)*

8. It-tifel biex qatel il-farfett? *(Paragrafu 3)*

9. Għaliex Ramona rat li ma tantx jaqblilha tkun farfett? *(Paragrafu 4)*

10. Kif bdiet tmur l-iskola minn dakinhar? *(Paragrafu 4)*

11. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba fil-parentesi:

a) Ramona kienet tqum tard għax kienet (għajjiena, għażżiena, ħabrieka).

b) Farfett huwa (ġugarell, oġġett, insett).

ċ) It-tifel ta' l-istorja kien (kattiv, bravu, qalbu tajba).

d) *"Ħin bla waqt"* tfisser (kien fil-ħin, f'daqqa waħda, dalwaqt).

e) Il-lellux huma fjuri li jikbru (fis-salott, fil-klassi, fir-raba').

**(15-il marka)**

## B. Għidilhom x'għandhom jagħmlu (Kmand) - L-ewwel waħda ssibha lesta bħala eżempju.

1. **Qabad** - Ramona, ____aqbad____ il-basket ħalli tmur l-iskola.
2. **Kiteb** - Mario, ______________ ħames sentenzi.
3. **Resaq** - Tfal, ______________ 'l hawn ħalli nkellimkom.
4. **Daħal** - Fittex ______________ l-iskola għax sar il-ħin.
5. **Ħaseb** - Uliedi, ______________ dejjem x'jiġi wara.
6. **Fetaħ** - Mariella, ______________ il-ktieb ħalli nisimgħek taqra.



**(5 marki)**

## Ċ. Ikteb il-maskil tal-kelma bis-sing taħtha. L-ewwel waħda ssibha lesta.

1. Ramona hija tifla għażżiena, iżda Robert hu ____tifel____ bieżel ħafna.
2. Kull filgħodu tqajjimha ommha għax __________ joħroġ kmieni.
3. Hi u sejra l-iskola rat xi tnax-il nagħġa, iżda ______________ wieħed.
4. In-nanna timxi bil-bastun, iżda n- ______________ għadu ħafif.
5. Iz-zija tat rigal lin-neputija u ieħor lin-______________.
6. "Binti jisimha Doris," qalet il-mama', 'u ______________ jismu Tony."

**(5 marki)**



**D.** **Żid il-kelma li fiha tiġbor ħafna (Nomi Kollettivi) Agħżel minn ġol-kaxxa. L-ewwel waħda ssibha lesta.**

| |
|---|
| bejta |
| merħla ✓ |
| għanqud |
| folla |
| ċorma |
| serbut |

Fi triqtha lejn l-iskola Ramona rat __merħla__ mogħoż jirgħu f'għalqa żdingata. Semgħet ħafna tpespis ġej minn ____________ għasafar waqt li ommhom kienet iżżoqqhom. Ma' zokk ta' dielja kbira kien jidher tiela' __________ nemel biex inaqqar minn __________ għeneb iswed. Quddiemha kien hemm _____________ tfal oħra jħaffu biex jaslu fil-ħin. Maġenb l-iskola sabet ____________ nies jistennew biex ikellmu s-Surmast.



**(5 marki)**

**E.** **Daħħal verb fil-vojt skond l-għerq li għandek fil-parentesi. L- ewwel waħda ssibha lesta.**

1. It-tifel kattiv (q - b - d) __qabad__ biċċa zokk.
2. Huwa (r - s - q) ____________ inkiss inkiss lejn il-farfett.
3. Xejjer daqqa biz-zokk u (q - t - l) _______________ dak l-insett sabiħ.
4. Ramona kienet ta' sikwit (w - s - l) _______________ l-iskola tard.
5. Aħna lkoll għandna (ħ - bb) ________________ l-annimali.
6. Qatt m'għandna (q - r - d) _________________ ħlejjaq oħra għal xejn b'xejn.

**(5 marki)**

**F.** **Agħti l-kontra tal-kliem bis-sing taħtu. L-ewwel waħda ssibha lesta.**

1. Ramona spiss tqum tard, iżda ommha tqum dejjem __kmieni__.
2. It-tifel iż-żgħir mar l-iskola ma' ħuh il-_____________.
3. Min hu ______________ ma jilħaqx fil-għoli daqs min hu twil.
4. Min jaħqar l-annimali hu qalbu ħażina, u min iħobbhom qalbu _________.
5. Fost in-naħal in-nisa huma ______________ u l-irġiel huma għażżenin.
6. L-arja fil-kampanja hija iktar nadifa minn dik tal-belt, ___________ bid-duħħan tal-karozzi.

**(5 marki)**

**Ġ. Agħżel il-kelma t-tajba (partiċella) u daħħalha fil-vojt ta' dan l-avviż. L-ewwel waħda ssibha lesta.**

ta'     sa     ħdejn ✓     għal     lil     minn



**Ġurnata l-Għadira**

Se nagħmlu ħarġa għal ħdejn il-baħar nhar is-Sibt, 16 ________ Lulju, 2000.

Il-karozza titlaq ________ quddiem il-knisja fit-8 ta' filgħodu. Niġu lura _______ xil-5 ta' wara nofsinhar. Il-ħlas ikun Lm1 biss.

Tistgħu tinkitbu _______ nhar il-Ħamis li ġej.

Ejjew u ħajru _______ ħbiebkom jiġu.

**(5 marki)**

**G. Kompli dawn is-sentenzi:**



1. Qabel ma norqod ________________________________
________________________________________________
________________________________________________
2. Nhar ta' Sibt ____________________________________
________________________________________________
3. Aħna qatt ma ____________________________________
_______________ ____________________ meta mmorru l-baħar.
4. Għaliex ________________________________________
________________________________________________ ?
5. L-annimali għandna________________________
___________ dawn huma ħbieb tagħna.



**(10 marki)**

## GĦ. Agħżel it-tifsira t-tajba minn ġol-kaxxa u iktibha maġenb l-idjoma li taqbel magħha. L-ewwel waħda ssibha lesta.

| | | |
|---|---|---|
| staħa ħafna | naħdmu flimkien | b'ħafna nervi ✓ |
| sejjer ħażin ħafna | ħassu wisq imdejjaq | iddeċidiet |

1. Ramona kienet sejra l-iskola b'geddum sa l-art. ______b'ħafna nervi
2. It-tifla waħħlitha f'rasha li tibda tqum kmieni. ______________________
3.  L-għasfur miet fil-gaġġa għax għamel f'qalbu. ______________________
4. Biex ix-xogħol tagħna jirnexxi rridu niġbdu ħabel wieħed. ______________________
5. Roger ma jridx jaf bi studju u għalhekk sejjer lura bħal granċ. ______________________
6. Meta nduna li kien qal ħmerija Edwin xtaq l-art tibilgħu. ______________________

**(10 marki)**

## H. Komponiment - Ikteb 10 sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:

a) Jien farfett



b) Darba qomt tard ħafna...

ċ) Xi nħobb l-aktar fis-sajf

d) Ikteb ittra ċkejkna lil Kevin, it-tifel li fl-istorja qatel il-farfett , u għidlu biex ma jaħqarx l-annimali u għaliex għandna nħobbuhom.

**jew** d) Weġġa' tort tiegħu *(L-istampa fuq wara tista' tgħinek.)*

*(Aqleb il-folja)*



(20 marka)